MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru 391/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**
**VS**
**NORBERT ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Norbert Attard ta’ 33 sena, iben Joseph u Maria nee’ Agius, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Gunju 1973, residenti f’ ‘Aurora Flats’, Flat 2, Triq Salvu Dimech, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 257773(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, bejn April 2006 u Jannar 2007, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha

specifikat, u cioe ha u zamm ghandu flus ta' Alf. Mizzi & Sons (*Marketing*) Ltd., liema flus jeccedu l-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol. 7) u ta' l-imputat (datat 12 ta' Ottubru 2009) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Norbert Attard, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 293, 294, 310(b), Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal tmien (8) xhur prigunerija sospiza ghal sena waqt li tordna l-hrug ta' *Compensation Order* f'ammont ta' 477.52 Euro (ekwivalenti ghal Lm205) fil-konfront ta' l-istess imputat Norbert Attard - bilanc ta' somma aktar ta' 654.55 Euro (ekwivalenti ghal Lm281) li minnha tnaqqas 177.03 Euro (ekwivalenti ghal Lm76) li l-imputat hallas fil-mori tal-kawza.

L-ammont indikat fil-*Compensation Order* ghandu jithallas fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------